# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 240/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Oliver Schembri**

Illum l-erbgħa (4) ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Oliver Schembri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 141180(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-16 ta' Awwissu 2015 għall-ħabta tal-16:00hrs u/jew fis-sigħat ta' qabel ġewwa l-Imdina, Malta:

1. waqt li kien qed isuq il-karrozzin bin-numru tar-reġistrazzjoni 107, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq

il-persuna ta' Jocelyne Louise Johnson, ta' nazzjonalita' Ingliża, skont ma ċċertifika Dr. Dalli Badjabi MD (Numru tar-Reġistrazzjoni Medika 3358);

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq karrozzin bin-numru tar-reġistrazzjoni 107 b'manjiera traskurata u perikoluża kif ukoll b'velocita' eċċessiva.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi u tordna l-iskwalifika ta' kull liċenzja maħruġa mill-Awtorita' kompetenti tal-kuċċiera fil-konfront tal-imputat għal dak il-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Mejju 2016 fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati ta' dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni [sic] in kwantu tirreferi għal sewqan perikoluż u lliberatu minnha, wara li rat Artikolu 226(l)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 127 ta' l-Avviż Legali 128 tas-sena 1994, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' ħames mitt Ewro (€500) u skwalifikatu mil-liċenzja ta' kuċċier għal perjodu ta' tliet (3) xhur.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2016 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u tikkonferma s-sentenza fil-parti fejn illiberatu minn sewqan perikoluż, filwaqt illi tħassar u tirrevoka s-sentenza fejn sabitu ħati u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u da parte tagħha l-konsulent legali tal-appellant infurmat lil din il-Qorti li l-għixien tal-appellant kien għadu jiddependi fuq l-użu tal-karrozzin li jsir riferenza għalih fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq ħames aggravji. Din il-Qorti ser tgħaddi mal-ewwel sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni u t-tielet aggravju u dana peress li huma konnessi: filwaqt li t-tielet aggravju jolqot l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti, it-tieni aggravju huwa dwar il-feriti sofferti mill-parti leża.

<u>Konsiderazzjonijiet dwar it-tielet aggravju</u>:
Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti għax ma ġiex ippruvat li hu kien għaddej b'sewqan eċċessiv jew perikoluż għax fil-fatt il-parti leża lanqas biss waqgħet għalkemm idejha kienet inqabdet mill-ġenb tal-karrozzin, ħaġa (skont hu) li kienet tiġri żgur li kieku kien għaddej b'veloċita' eċċessiva. Jgħid li kien hemm erba' passiġġieri u li għalhekk ma setax kien għaddej b'veloċita' minħabba l-piż. Jgħid li l-għaxar minn nies li kien hemm fit-triq kellhom ħin jersqu mal-ħajt u li żgur ma ġiex ippruvat li kien qed isuq b'veloċita' eċċessiva. Jgħid li huwa aktar verosimili li l-parti leża ma żammitx idejha 'l ġewwa għaliex ħadd mill-oħrajn ma ntlaqat u li kien kważi meta għadda l-karrozzin għal kollox li seħħ l-inċident. Jgħid li hu ġab ruħu b'mod mill-aħjar – għamel dak kollu li wieħed jistenna mill-*bonus paterfamilias* għax hu stess kien insista mal-parti leża li kellha tmur il-poliklinika u kien hu li wassalha. Jgħid li qagħad jistenniha u wara nduna li kienet telqet bla ma hu kellu ħjiel li kellha xi feriti. Jgħid li l-Ewwel Qorti lliberatu minn dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni in kwantu tirreferi għal

sewqan perikoluż u jgħid li l-imputazzjoni ta' sewqan perikoluż ma tinstabx fit-tielet (3) imputazzjoni iżda fit-tieni (2) imputazzjoni u jisħaq li t-tielet (3) imputazzjoni hija dwar l-iskwalifika.

Illi bħalma ngħad diversi drabi hija ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk minn tali provi hija setgħet tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Degabriele (**Numru 430/13) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "6. L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti."

Illi din il-Qorti tinnota li mid-depożizzjonijiet mismugħa quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li l-karrozzin kien għaddej minn triq dejqa ġewwa l-Imdina u li hija għat-telgħa. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina l-provi hekk kif miġbura quddiem l-Ewwel Qorti minn liema jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Skont il-parti leża **Jocelyne Louise Johnson** (*a fol.* 10 *et seq.*) hija u sħabha (madwar għaxra minn nies) kienu mexjin 'l isfel u meta raw il-karrozzin ġej huma qasmu min naħa u min oħra u marru mal-ħajt. Tgħid li l-karrozzin kien ġej b'għaġla mhux ħażin u kien qed jittrottja u qalet li jdejha nqabdet minn xi ħaġa aktar għolja mir-rota u bdiet tinġibed mal-karrozzin. Tgħid li huma bdew jgħajjtu u l-kuċċier waqaf. Tixhed li kellha ksur f'idejha kif ukoll fis-swaba u tgħid li fit-

triq fejn seħħ l-akkadut ma kienx hemm bankini u li hija żammet idejha ma' sidirha u kellha tibqa' miexja mal-karrozzin għaliex ma setgħetx taqla' idejha.

- **Patrick Swaddle** (*a fol.* 14 *et seq.*) ta l-istess dettalji u skont hu l-karrozzin kien mixi bi *speed* daqsxejn eċċessiv. Jgħid li l-kuċċier kien ħa lill-parti mweġġa' l-poliklinika.

- **WPS 313 Christine Bonnici** (*a fol.* 24 *et seq.*) ippreżentat l-okkorrenza (Dok. "CB 1" – *a fol.* 28 *et seq.*) fejn kien irrappurtat li Jocelyn Louise Johnson ppreżentatilha ċertifikat mediku ta' natura gravi waqt li ddeskriviet l-akkadut.

- Fl-i**stqarrija** (Dok. "CB 3" – *a fol.* 32 *et seq.*) l-appellant kien spjega li huwa kien waqaf mal-ewwel malli sema' lil xi ħadd jgħidlu biex jieqaf u offra lill-vittma li jċemplu għall-ambulanza mill-ewwel iżda din ma riditx. Jingħad li hu kien ħadha l-poliklinika iżda ma kienx staqsa lill-vittma kif weġġgħet. Huwa qal li kien miexi bil-karrozzin bil-mod ħafna u li dan kien inċident biss.

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Edel Mary Camilleri** (*a fol.* 35 *et seq.*) xehdet li kien hemm kemmxejn ta' kunflitt bejn il-verżjonijiet għaliex l-appellant kien qal li ma kienx għaddej b'veloċita' waqt li l-vittma qalet bil-kontra.

- Fl-affidavit tiegħu **Dr. Frances Dalli-Badjadi** (*a fol.* 43) ikkonferma li huwa kien eżamina lil Jocelyne Johnson fejn qal li kienet sofriet ġrieħi ta' natura gravi u fejn ikkonferma ċ-ċertifikat mediku rilaxxat minnu fejn hemm li l-parti leża kellha: *"1. Swelling over right wrist. XR shows fracture of the lower end of the radius. 2. Pain and tenderness over right elbow."*

- **Peter Sant Manduca** (Is-Sindku tal-Imdina – *a fol.* 44 *et seq.*) ikkonferma li r-rotta tal-karrozzini ngħatat minn Transport Malta b'approvazzjoni tal-Kunsill u li l-karrozzini jistgħu

jgħaddu minn dik it-triq in kwistjoni. Jgħid li huwa ftit diffiċli jkun hemm bankina minħabba li t-triq hija dejqa.

- L-appellant **Oliver Schembri** (*a fol.* 48 *et seq.*) xehed li kien qed idoqq il-qanpiena u li kien hemm grupp li baqa' jieħu r-ritratti. Jgħid li mbagħad beda jisma' l-kelma *"Stop"*. Jispjega li ma tistax tieqaf fit-telgħa in kwistjoni u li meta dar staqsa lill-allegata vittma fiex seta' jgħinha u li hi qaltlu li seta' jibqa' sejjer minkejja li hu baqa' jinsisti li ried isejjaħ ambulanza. Jgħid li ħadha l-poliklinika u qalilha li kien ser jistennieha barra. Jixhed li l-qanpiena proprjament idoqquha għall-kollegi tagħhom għax meta tkun tiela' bil-vjaġġ tkun tiela' naqra rrankat (*a fol.* 50). Jgħid li s-sinjal huwa għan-nies ukoll. Huwa qal li l-grupp ta' turisti baqgħu qaqoċċa u li b'nies fuq banda u b'nies fuq band'oħra ma tgħaddix.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-provi prodotti jirriżulta li Triq San Pietru, Mdina fejn seħħ l-akkadut hija waħda dejqa bla bankini. Jirriżulta li l-appellant kien għaddej *"b'għaġla mhux ħażin u ma tantx kellna ċans inwarrbulu"* (*a fol.* 10) u *"bi speed daqsxejn eċċessiv"* (*a fol.* 14) kif qalu x-xhieda barranin. Da parte tiegħu, l-appellant uża l-kliem *"naqra irrankat"* (*a fol.* 50). Minkejja li l-appellant qal li kien mixi bil-mod minħabba l-piż tan-nies pero', kif qalet sew l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, huwa *"ma waqafx jew almenu naqqas il-veloċita' meta ra lill-parte leża u lil sħabha fit-triq, imma baqa' tiela'"* (*a fol.* 57). Dan imissu għamlu hu wkoll jekk in-nies baqgħu qaqoċċa kif allega hu għalkemm il-provi juru li n-nies ippruvaw iżommu mal-ħajt kemm jista' jkun.

Illi l-appellant jgħid li huwa beża' li ż-żiemel jaqa' jekk iwaqqfu meta kien tiela' rrankat. Għandu jingħad li din hija triq li l-appellant juża u jaf li hija dejqa u li għalhekk il-prudenza trid tkun akbar.

Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant minn dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni (u mhux it-tielet (3) imputazzjoni) in kwantu din tirreferi għal sewqan perikoluż. Jibqa' għalhekk il-ħtija dwar l-

ewwel (1) imputazzjoni u dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni li tirreferi għal sewqan b'manjiera traskurata u b'veloċita' eċċessiva.

Illi jingħad li f'Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta l-kelma "vettura" hija definita hekk:

> "il-kelma "vettura" tinkludi kull xorta ta' karrozza, karrozzin, karrettun miġbud minn bhima, karru, vettura bil-mutur, *omnibus*, *bicycle*, jew mezz ieħor ta' trasport ta' kull xorta jew għamla, maħsub għat-trasport jew ġarr ta' nies, kadavri jew ħwejjeġ."

Illi b'hekk jidher biċ-ċar li l-kelma "vettura" tkopri wkoll il-kelma "karrozzin".

Illi l-offiża gravi sofferta mill-parti leża hija dik indikata taħt Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta: *"jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż"*. Dr. Frances Dalli-Badjadi (*a fol.* 43) ikkonferma li kien hemm il-ksur fl-idejn.

Konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju:
Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li l--Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-parti leża damet tletin jum jew iżjed ma tmurx għax-xogħol minħabba l-istess ferita. Huwa jisħaq li l-għada tal-akkadut il-parti leża telqet minn Malta u għalhekk wieħed ma setax jivverifika jekk filfatt għamlitx tletin jum bla ma tmur ix-xogħol.

Illi dwar dan it-tieni aggravju din il-Qorti tinnota li mill-provi jirriżulta li hija taqa' taħt Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa minnu li *a fol.* 5 tas-sentenza appellata ossia *a fol.* 58 tal-atti proċesswali l-Ewwel Qorti semmiet Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta pero', fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti rriferiet għal Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (fost Artikoli oħra).

B'hekk tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tat-tieni u tat-tielet aggravju jsegwi li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament legali u raġonevoli tal-provi li kienu prodotti u jsegwi wkoll li ma kien hemm ebda bżonn tkun ippruvata d-durata ta' kemm il-parti leża damet ma marret ix-xogħol u b'hekk l-aggravji in eżami (it-tieni u t-tielet) qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li waqt li hu kien liberat minn sewqan perikoluż u ġie misjub ħati ta' sewqan bi traskuraġni, il-liċenzja tiegħu kienet sospiża għal tliet xhur. Jisħaq li skont Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta din is-sospensjoni tingħata għal sewqan perikoluż u li hu kellu jingħata sospensjoni ta' tmint ijiem biss għaliex is-sospensjoni għal sewqan traskurat hija ta' tmint ijiem biss. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiskwalifikah għal tliet xhur u li hija naqset li ssemmi Artikoli 15(3) jew 15(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li huwa minnu li l-appellant kien ġie liberat minn sewqan perikoluż iżda l-Ewwel Qorti ma lliberatux mill-bqija, b'mod partikolari minn sewqan traskurat. Għalhekk skont il-liġi dan ma jħallix diskrezzjoni u b'hekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta skwalifikat lill-appellant għal tliet xhur. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa dwar l-iskwalifika u jisħaq li l-parti leża wriet ix-xewqa tagħha li hu ma jitlifx xogħlu. Jisħaq li huwa jaqla' l-għixien tiegħu minn dan ix-xogħol u din il-Qorti ġiet infurmata b'dan ukoll anke fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023.

Illi din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dan l-aggravju għajr li l-Ewwel Qorti ma kellhiex għażla tordna

skwalifika mil-liċenzja ta' kuċċier u b'hekk l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-ħames aggravju l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti rriferiet għal Regolament 127 tal-Avviż Legali 128 tas-sena 1994. Jisħaq li dan l-Avviż Legali jagħmel parti mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta (Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur) fejn it-tifsira ta' "vettura" hija s-segwenti: *"vettura bil-mutur li taħdem bil-qawwa mekkanika'"*. Jgħid li minħabba f'hekk l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issibu ħati ta' dan l-artikolu.

Illi din il-Qorti tinnota li waqt li Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jolqot ukoll il-karrozzini kif jidher mid-definizzjoni fl-imsemmi Kapitolu ta' "vettura" kif imsemmi aktar 'il fuq, jidher li l-leġislatur kellu f'moħħu vetturi li jaħdmu bil-mutur biss meta ppromulga Avviż Legali 128 tal-1994. Ma kienx hemm għalfejn li jissemma Regolament 127 tal-Avviż Legali 128 tas-sena 1994. Minkejja dan u minkejja li l-ħames aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ fis-sens appena msemmi, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tibdel il-piena ta' multa ta' ħames mitt Euro (€500) u ta' skwalifika ta' tliet xhur hekk imsemmi fis-sentenza appellata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Oliver Schembri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi jiġi speċifikat li l-iskwalifika mil-liċenzja hekk kif ordnat mill-Ewwel Qorti jibda għaddej minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |